MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 585/2013

**AB**
**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru tas-sena elf, disgha mija u wiehed u tmenin (1981) kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness, esebita u mmarkat bhala Dok JPC 1, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal – Jeremy, Zachary u Candice;
2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in Atti Nutar Dottor Nicholas Vella datat ghaxra (10) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003),

kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok JPC 2;
3. Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-manteniment ghall-intimata u ghat-tlett ulied tal-partijiet huwa regolat mill-Artikolu 2(v) – versu t-tfal fl-ammont ta'LM66 mensili ghal kull wild u LM 30 mensili ghall-intimata, kif f'konvertiti f'Ewro llum. Il-manteniment dovut lill-intimata huwa dovut sakemm tiehu l-pensjoni tal-gvern, u f'kull kaz malli taghlaq tnejn u sittin (62) sena, u in kwantu ghat-tfal, sakemm jaghlqu it-tmintax-il (18) sena jew jibdew jahdmu, skond x'jigi l-ewwel;
4. Illi llum, ulied il-partijiet huma lkoll maggorenni, kif talvolta jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni, u ghaldaqstant, a tenur ta' l-istess Artikolu hawn fuq imsemmi, ebda manteniment m'ghadu dovut ghalihom;
5. Illi l-intimata llum ghandha 57 sena, u ghadu dovut manteniment ghaliha skond it-termini tal-kuntratt, liema manteniment jithallas;
6. Illi ma hemm ebda arretrati jew pendenzi ta' manteniment li kien dovut qabel id-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors;
7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
8. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma lkoll sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja x-xoljiment taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha eccepiet :

Illi ma toggezzjonax ghal divorzju mitlub mill-attur, filwaqt li toggezzjona li tigi ikkundannata thallas l-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Lulju 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------